MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 163/2012

**Avukat Mark Refalo bhala prokuratur ta' l-assenti minn Malta Avukat Remo Montone**

**vs**

**European Insurance Group Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' European Insurance Group Limited ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 tas-17 ta' Frar 2012;

Rat ir-risposta tal-avukat Mark Refalo noe tal-5 ta' Marzu 2012;

Semghet lil partijiet fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Jidher li l-Avukat Remo Montone talab European Court order for payment taht ir-regolament tal-Unjoni Ewropea 1896/2006 kontra s-socjeta European Insurance Group Limited wara li hu inizja proceduri ghal hlas ta’ ammont ta’ flus dovuti lilu mis-socjeta rikorrenti fl-24 ta’ Frar 2011. Fis-6 ta’ Gunju 2011 il-Qorti Civili ta’ Ruma harget digriet li bih is-socjeta rikorrenti kellha tletin jum topponi ghal din l-ordni u fin-nuqqas din l-ordni issir titolu ezekuttiv. Billi s-socjeta rikorrenti ma jidhirx li resqet oppozizzjoni, l-istess Qorti ta’ Ruma harget digriet ta’ ezegwibilita kontra s-socjeta rikorrenti datata 24 ta’ Ottubru 2011.

Din l-ordni ta’ pagament skond l-EU Regulation 1876/2006 rez ezegwibbli gie ezegwit b’mandat ta’ sekwestru ezekuttiv f’Malta numru 84/2012.

Is-socjeta European Insurance Group qed topponi ghal dan il-mandat u titlob it-thassir tieghu ghal diversi ragunijiet.

Fl-eccezzjoni preliminari tal-intimat gie sottomess in-nullita tal-proceduri odjerni billi l-kumpanija rikorrenti li qeghda fi stadju ta’ stralc ma setghetx tipprezenta r-rikors odjern hi izda kellu jigi pprezentat mill-istralcjarju.

Hu minnu illi darba li jigi appuntat stralcjarju dan jassumi s-setghat kollha tad-diretturi u s-segretarju tal-kumpanija (**Pace vs Gatt**, PA, 16/12/2010) u illi l-istralcjarju hu r-rapprezentant legittimu tal-kumpanija (ara **Savemart Co. Ltd. vs Vella**, PA, 09/07/2008) pero kif qalet il-Qorti fil-kawza **Attard vs Barthet**, (PA, 26/02/2008), waqt il-process ta’ stralc, il-kumpanija tibqa’ tgawdi l-personalita guridika taghha.

Sakemm ma jigix pruvat illi r-rikors sar kontra r-rieda jew minghajr il-konoxxenza tal-istralcjarju, allura ma hemm ebda nullita procedurali stante li l-Kodici tal-Procedura stess ighid illi l-kumpanija tharrek jew titharrek f’isimha proprju u mhux b’rapprezentanza. Fis-seduta tal-14 ta’

Marzu 2012 gie dikjarat illi r-rikors sar bil-konsapevolezza tal-istralcjarju u li jaqbel mal-kontenut tieghu.

Ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari qed tigi michuda.

Is-socjeta rikorrenti qed tissottometti illi fid-29 ta' Settembru 2011 gie appuntat stralcjarju tas-socjeta intimata ai termini tal-artikolu 28(1)(f) tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assigurazzjoni (Kap. 403) u billi d-dikjarazzjoni ta' ezegwibilita saret mill-Qorti Taljana fl-24 ta' Ottubru 2011, din l-ordni ma tapplikax peress illi r-Regolament 1896/2006 jipprovdi fl-artikolu 2(b) li l-istess Regolarment ma japplikax ghal procedimenti relatati ma stralc ta' kumpaniji jew persuni guridici ohra insolventi.

Din il-Qorti ma taqbilx. L-artikolu 1(a) u (b) tar-Regolament 1896/2006 jaghmilha cara li l-iskop tal-ordni hu 'to simplify, speed up and reduce costs of litigation in cross border cases concerning uncontested pecuniary claims by creating a European payment procedure and to permit the free circulation of European orders for payment throughout Member States by laying down minimum standards, compliance with which renders unnecessary any intermediate proceedings in the Member States of enforcement prior to recognition and enforcement.

Kwindi l-iskop tar-Regolarment idur madwar 'percuniary claims' li hu l-kaz prezenti. L-eccezzjonijiet fir-regolament fosthom li r-regolament ma japplikax ghal procediment relatat ma' stralc ta' kumpaniji insolventi hu intiz biex ma jintuzax ir-regolarment ghal kwistjonijiet intimament konnessi ma' proceduri ta' stralc ta' kumpaniji u cioe li jimpingu fuq il-procedura tal-istralc innifsu izda ma hux intiz li jipprekludi talbiet ghal hlas ta' kreditu dovut kontra kumpanija li qeghda f'fazi ta' stralc. Il-proceduri inizjati l-Italja ma kienux konessi mal-istralc tal-kumpanija izda biss incidentali ghaliha stante li l-ezitu jista' jaffettwa l-likwidita tal-kumpanija u hlas ta' kredituri fi proceduri ta' gradwazzjoni tal-istess kredituri fl-istralc innifsu pero mhux l-istralc innifsu. Tali talbiet u konsegwenti ordnijiet kienu maghmula ghalhekk fil-parametri tar-Regolament 1896/2006.

Inoltre kif gie rilevat l-istralcjarju gie nominat fil-mori tal-proceduri kontra l-kumpanija u ghalhekk il-proceduri inizjati fl-Italja kontra l-kumpanija kienu proceduralment korretti u fl-istadju tal-ezegwibilita tal-ordni fl-24 ta' Ottubru 2011 ir-rapprezentanza tal-kumpanija biss hu dak li nbidel, u dan ferm wara t-terminu ta' tletin jum minn mindu l-kumpanija giet notifikata (cioe 15 ta' Lulju 2011) u kellha d-dritt li topponi ghal hrug tal-ordni skond ir-Regolament 1896/2006 notifikat lilha, haga li mill-atti ma jidhirx li ghamlet.

Is-socjeta rikorrenti qed topponi wkoll ghal dan il-mandat peress illi r-Regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings) jipprovi li "without prejudice to the provisions of article 28, 41 and 42 of the Act, a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequently wind up, and in accordance with the Companies Act". L-artikolu 222 tal-Kap. 386 imbaghad jipprovdi illi meta kumpanija tkun qed tigi stralcjata mill-Qorti, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew ezekuttiv barra minn mandat ta' inibizzjoni mahrug jew migjub kontra l-kumpanija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null.

Il-Qorti tirrileva illi s-socjeta rikorrenti stess qed tissottometti li l-istralcjarju gie nominat ghal fini ta' likwidazzjoni tal-kumpanija skond l-artikolu 28(1)(f) tal-Kap. 403. Dan l-artikolu jghid illi:
28. (1) Bla hsara ghall-poteri moghtija lill-awtorità kompetenti taht l-artikolu 26, l-awtorità kompetenti, tista' fejn tkun sodisafatta li jezistu cirkostanzi serji bizzejjed, tipprocedi biex tiehu wahda jew izjed mill-mizuri li gejjin:
(f) tahtar persuna kompetenti biex tag]milha bhala stralcjarju ghall-fini tal-likwidazzjoni ta' l-affarijiet tal-kumpannija;
(2) Meta persuna tinhatar mill-awtorità kompetenti –
(d) skond is-subartikolu (1)(f), dik il-persuna tkun l-istralcjarju tal-kumpannija ghall-finijiet kollha tal-ligi bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra.

In-nomenklatura ’competent authority’ tfisser il-Malta Financial Services Authority stabbilit mill-att li jgib l-istess isem.

Is-socjeta rikorrenti qed issostni illi in virtu tal-artikolu 10(2) tar-Regolarmenti mahruga taht l-Att principali Kap. 403, japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Companies Act Kap. 386 fosthom l-artikolu 222.

Pero kif issottometta tajjeb l-intimat l-artikolu 222 jiprovdi ghal stralc li qed isir mill-Qorti. F’dan il-kaz l-istralc qed isir mill-MFSA fuq ordni taghha. Ma jidher li saret ebda talba lill-Qorti ghall-istralc kif hemm provdut fl-artikolu 9 tar-Regolamenti fejn il-procedura tibda b’rikors ai termini tal-Kap. 386 u fejn il-Qorti trid tinforma lill-MFSA b’dan ir-rikors ghal-veduta taghha u wara tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba.

Jibqa’ pero indiskuss illi l-artikolu 10 ighid illi minghajr pregudizzju ghal artikoli 28, 41 u 42 tal-Kap. 403, l-istralc isir in konformita ma’ dak li jitlob il-Kap. 386.

Din il-Qorti tqis li ma ghandhiex tintrabat mal-kliem ’ad letteram’ tal-artikolu 222 tal-Kap. 386 li fost affarijiet ohra hu mqieghed mal-provvediment ta’ stralc ordnat mill-Qorti izda ghandha thares principalment ghal principju regolatur ta’ kull stralc kemm volontarju u kemm koatt bhal ma hu dan il-kaz cioe li l-iskop tieghu hu li jingabru l-assi kollha, jithallsu d-djun u jekk jibqa’ xi haga titqassam fost l-azzjonisti. L-iskop principali li jingabru l-assi hu sabiex l-istralcjarju, fil-fazi li nbeda procedura ta’ stralc, ikollu f’idejh il-kontroll tal-assi u jkun marbut li jiddisponi minn dawk l-assi skond min ghandu dritt ghalihom cioe l-kredituri u skond il-gradwazzjoni li tippermetti l-ligi. Dan kollu sabiex jigu protetti l-kredituri kollha indistintament taht il-kappa tal-par condicio creditorum.

Ikun ingust u kontra l-principji ta’ stralc illi semplicement ghax kreditur ghandu titolu ezekuttiv favur tieghu, jkun jista’ juza’ l-mezzi ta’ ezekuzzjoni meta hemm stralc ghaddej. F’dan il-kaz l-istralcjarju gie appuntat fid-29 ta’ Settembru 2011 u minn dakinhar (billi ma jirrizultax lil Qorti

data antecedenti tal-ordni nfisha tal-MFSA dwar l-istralc) ma kienx lecitu ghal ebda kreditur li jenforza l-kreditu tieghu a skapitu u bi pregudizju ta’ kredituri ohra minghajr ma l-kreditu tieghu jitpogga fil-baskett tal-krediti li jrid jiddisponi minnhom l-istralcjarju biss skond kif trid il-ligi u l-principji generali tal-istralc ta’ kumpaniji.

Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti li dan ir-rikors ghandu jigi milqugh u ghalkemm l-intimat ghandu titolu ezekuttiv favur tieghu,  ma jistax jigi ezegwit bil-proceduri tal-Kapitolu 12 izda jrid isegwi l-principji tal-qsim tal-assi ta’ socjeta f’istralc mill-istralcjarju.

Kwindi l-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta rikorrenti u tordna t-thassir tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 84/2012 fil-ismijiet Avukat Mark Refalo noe vs European Insurance Group Limited, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------